## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 226/2018

**Il-Pulizija**

**(Maria Stella Attard )**

**vs**

**Christopher Polidano**

Seduta tat-25 ta' Gunju, 2020

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Christopher Polidano, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 269679(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-21 ta' Settembru 2017 għall-ħabta tal-22.30p.m. fi Triq Garibaldi Ħal-Luqa :

(1) Użа, ġiegħel, jew ħalla lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur (ZZZ006 Chevrolet) fit-toroq, kemm-il dabra, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ,

ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni (Kap 104 Artikolu 3(1));

(2) Bħala sid jew xufier tal-imsemmija vettura bil-mutur, naqas li jara li l-liċenzja kienet imwaħħla man-naħa tax-xellug tal-windscreen (L.S. 368.02 regolament 17(2)(a);

(3) Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma kellhiex liċenza (artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65)

Il-Prosekuzzjoni talbet li f'każ ta' sejbien ta' ħtija l-imputat jkun skwalifikat mil-liċenzji kollha tagħha tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhirlha xieraq.

Rat is-sentenza tat-8 ta' Mejju 2018 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħal Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija v Christopher Polidano' li biha l-Qorti sabitu ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u kkundannatu jħallas multa ta' €3000 liema multa tista' titħallas ratealment €100 fix-xahar bl-ewwel pagament kellu jsir fl-1 ta' Lulju 2018. Jekk ma jitħallasx xi pagament il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk ma jitħallasx il-bilanċ l-ammont jinbidel fi priġunerija. Il-Qorti issospendiet il-liċenzja tas-sewqan fi żmien sena mill-jum tas-sentenza u ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jeleva l-liċenzja tas-sewqan minn għand l-akkużat minnufih. Imbagħad, wara s-sospensjoni, tingħata lura lill-akkużat;

Rat l-appell interpost mill-imputat fit-18 ta' Mejju 2018 li fih talbab lil din il-Qorti **tħassar** u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddikjara lil l-appellant mhux ħati u konsegwentement tilliberah. B'mod alternattiv talab li **tirriforma** s-sentenza appellata fil-piena billi timponi piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata b'aggravju fuq l-apprezzament tal-provi u iehor dwar il-piena. L-ewwel aggravju tal-appellant huwa li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet apprezzament żbaljat tal-provi kif ukoll tal-Liġi. Fl-istess waqt, izda, jecepixxi illi l-affidavits tal-Pulizija huma inammissbbli u dan ghaliex l-imputat ma kienx legalment assistit meta l-Pulizija talbuh il-licenzja u l-polza ta' assikurazzjoni u hu ammetta maghhom illi dawn kienu skaduti. Skond l-appellant, l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-każ 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u ccita awturi u gurisprudenza in rigward ukoll dwar meta si tratta ta' żewġ verżjonijiet konfliġġenti;

2. L-artikolu 355AUA tal-Kodici Kriminali, introdott bl-Att LI tal-2016 jesigi li kull persuna suspettata jew akkuza ghandha tinghata d-dritt li tkun legalment assistita. Dan in linea mar-Regolament 48/13 tal-Kummissjoni Ewropea. Applikat dan ghall-kaz odjern, ma jfissirx illi meta jsiru spezzjonijiet ghallarieda fit-toroq, jew meta l-Pulizija jew Awtorita' ohra twaqqaf sewwieq fi triq u titolbu ghal-licenzja jew polza ta' assikurazzjoni ghandha necessarjament twissi dwar u tipprovdi l-facilita' ta' access ghall-assistenza legali. Dment li t-talba tkun wahda lecita, ad ezempju meta l-Awtorita' tistaqsi ghall-isem u kunjom tal-persuna, jew bhal fil kaz odjern titlob lil

persuna turi l-licenzja taghha jew tal-vettura u l-polza ta' assikurazzjoni, mhux il-kaz li jkun moqri d-dritt fuq indikat. Huwa meta minn ricerka tal-fatti ta' dak il-hin jirrizultaw indoli ohrajn, ezempju sejba ta' arma tan-nar fil-vettura, li jiskatta dak l-obbligu li l-Pulizija ma taghmilx aktar domandi izda tipprocedi in adempiment tal-artikolu fuq citat;

3. Issa fil-kaz in disamina, jemergi mill-affidavits taz-zewg Pulizija illi meta talbu lill-imputat ghal-licenzja u polza ammetta maghhom li dawn kienu skaduti. Issa jekk ammettiex maghhom b'mod volontarju jew ghaliex staqsewh huma ma rrizultax anke ghaliex ma sar ebda kontro-ezami taghhom. Ghall ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja, d-dikjarazzjoni tal-imputat li setghet inghatat lill-ufficcjali tal-Pulizija ser tkun skartata;

4. Issa, dan ma jfissirx li ghandha tkun skartata ix-xhieda kollha taz-zewg ufficcjali u ser ssir referenza biss ghal dak li rriskontraw huma fizikament. Minn hawn jemergi illi liz-zewg ufficcjali irrizultalhom li l-licenzja u l-polza ta' assikurazzjoni tal-vettura misjuqa mill-imputat kienu skaduti u dan qabel ma kellmuh u kif irrizultalhom mis-sistema taghhom. Ghalhekk dak li hu ta' mportanza mill-affidavit taz-zewg ufficcjali hu li meta waqqfu din il-vettura rrizultalhom li kienet misjuqa mill-imputat u li b'ezami minn fuq is-sistema taghhom l-licenzja u l-polza kienu skaduti;

5. L-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni kienet msahha mix-xhieda indipendenti tar-rapprezentant ta' Transport Malta, li qal li saret riċerka fuq il-vettura u rriżultalhom li din kienet irreġistrata f'isem Joseph Micallef għan-nom ta' J.Zammit

Limited u l-aħħar liċenzja valida skadiet fit-28 ta' Frar tas-sena 2017;

6. Dan ma kien bl-ebda mod kontradett mill-imputat u ghalhekk ma jippotizza ebda konflitt fil-provi kif minnu allegat u jaghmel prova shiha kontra tieghu. Wisq anqas hemm x'wiehed jitfixkel fil-konkluzzjoni li ghandha tkun estrapolata minn dawn il-provi. L-ewwel aggravju ghalhekk qed ikun michud;

7. Fl-aggravju tieghu dwar il-piena, l-appellant iressaq l-argument illi l-Qrati saħqu bosta drabi li l-piena għandha tkun mezz ta' riforma u ccita s-sentenza Il-Pulizija vs Stephen Spiteri tat-22 ta' Settembru 2003. F'dan il-kaz l-ammont tal-multa u l-iskwalifika huma sproporzjonati għall-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant. L-appellant ikkopera mal-Pulizija u ammetta l-ħtija tiegħu *a tempo vergine* u li għandu bżonn il-liċenzja tas-sewqan. Fl-ewwel lok, il-Qorti ma tistax tifhem kif l-imputat l-ewwel jitlob li tkun skartata d-deposizzjoni taz-zewg ufficcjali tal-Pulizija minhabba ammissjoni meta ma kienx legalment assistit u fl-istess waqt jezalta lill-Qorti tiehu in konisderazzjoni l-ammissjoni tieghu *a tempo vergine*;

8. Il-Qorti kkalkulat il-piena skont fuq l-artikoli ċitati u jirriżulta li din kienet fil-parametri tal-Liġi ukoll bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(f) tal-Kap 9. Il-Qorti qed tqis ukoll li l-liċenzja u l-polza tal-assigurazzjoni kienu skadew fit-28 ta' Frar 2017 u l-appellant kien qed isuq il-karozza fil-21 ta' Settembru 2017 kważi seba' xhur wara. Ghalhekk ma tara ebda raguni ghaliex b'xi mod ghandha anke jekk bi ftit tiddisturba d-decizzjoni tal-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena.

9. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u t-terminu ta' sospensjoni ta' licenzja jibda' jiddekorri mil-lum;